# LUX FILM DAYS

3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ

**MEDITERRANEA**
Jonas Carpignano
Italja, Franza, Stati Uniti, Ġermanja, Qatar

LUX FILM PRIZE
IL-PARLAMENT EWROPEW
IMPENN FAVUR IL-KULTURA

Parlament Ewropew

# MEDITERRANEA

## JONAS CARPIGNANO

Il-film jibda fl-Alġerija fejn jasal Ayiva, żagħżugħ mill-Burkina Faso. Miegħu jasal ukoll Abas, u t-tnejn li huma jittamaw li jaslu l-Ewropa u jsibu ħajja aħjar. Jeħtiġilhom jaqsmu d-deżert, iħabbtu wiċċhom ma' nies li jattakkawhom, jaslu l-Libja u jaffrontaw baħar ostili fuq dgħajsa qabel jaslu l-Italja. Iżda dan il-vjaġġ huwa biss l-ewwel att ta' dramm li jiffoka fuq il-ħajja ta' dawn il-migranti li, meta fl-aħħar jaslu l-Ewropa, fis jiġu mwarrba fil-marġni tas-soċjetà Kalabriża, sfruttati bħala ħaddiema klandestini fil-pjantaġġuni taċ-ċitru, jgħixu fil-bassifondi, u fuq kollox ikkonfrontati min-nuqqas ta' fiduċja u l-ostilità tas-soċjetà ta' madwarhom.







## PUNTI TA' ANALIŻI

Il-film ta' Jonas Carpignano huwa msejjes fuq realtà attwali li dwarha jsiru diversi rappurtaġġi televiżivi: id-drammi tal-immigrazzjoni klandestina fil-Mediterran. Nafu li l-Unjoni Ewropea wieġbet b'miżuri li deher li mhumiex biżżejjed biex tiġi indirizzata l-wasla tal-migranti. Fl-aħħar nett, jeħtieġ nenfasizzaw l-ostilità dejjem tikber ta' parti sinifikanti tal-opinjoni pubblika Ewropea lejn akkoljenza aħjar għall-migranti.

F'dan l-ambitu, l-għażliet ċinematografiċi ta' Jonas Carpignano għandhom dimensjoni *politika* (fl-iktar sens qawwi u nobbli tal-kelma) minħabba r-rieda tiegħu li jagħti rendikont involut tal-perspettiva ta' dawn il-persuni li, altriment, jintwerew fl-aħjar dawl bħala suġġetti ta' kumpassjoni, u fl-agħar dawl bħala persuni mhux mixtieqa. U hawn, ir-rappreżentazzjoni ċinematografika tiddistingwi ruħha mir-rappreżentazzjoni tal-mezzi tax-xandir, b'mod partikolari t-televiżjoni.







## NIDĦLU FIL-MUMENT

Id-direttur jirrifjuta mill-bidu nett kwalunkwe approċċ tat-tip deskrittiv, imsejjes fuq il-miżerja tal-pajjiż nattiv li l-migranti jkollhom jaħarbu minnu, u jagħżel għall-kuntrarju viżjoni tal-mument: kull sitwazzjoni ssib fiha nnifisha l-ispjegazzjoni u r-riżoluzzjoni tagħha.

Il-ftit kelmiet użati b'taħlita ta' lingwi li mhix komuni fiċ-ċinema (Franċiż, Ingliż, Taljan, id-djalett Kalabriz u lingwi Afrikani...) jsaħħu aktar l-involviment tagħna fl-azzjoni preżenti, li ma tirrikjedi l-ebda diskors twil ta' spjega jew ġustifikazzjoni. Ix-xena tar-rewwixta li hija l-milja tal-film isseħħ fi ftit sekondi, u l-brutalità tad-dimostranti li jaqbdu mal-karozzi pparkjati, mal-ħġieġ tal-ħwienet magħluqa u mas-sewwieqa mwaqqfa f'salt taf tissorprendi, iżda bħal Ayiva, dan il-moviment jolqotna, jew saħansitra jġorrna miegħu, waqt li l-kontrodimostranti jirreaġixxu bi vjolenza bla qies.

Is-sekwenza minħabba f'hekk tieħu dimensjoni universali, u, mhux talli mhix limitata għar-realtà Taljana, talli turi r-rewwixta ta' dawk li fi żmien ieħor kienu jissejħu „il-kundannati tad-dinja". Tajjeb ninnotaw li l-film huwa mnebbaħ minn fatti veri li seħħew fil-lokalità ta' Rosarno, fil-Kalabrija, fl-2010. Iżda huwa sinifikattiv li ċ-ċinematografu ma jagħmel ebda referenza għall-kuntest lokali: bħall-personaġġ, aħna nesperjenzaw avvenimenti li għandna biss viżjoni parzjali tagħhom, iżda dan jiffaċilita riflessjoni usa' u aktar ġenerali ta' sitwazzjoni li mhijiex tal-Kalabrija biss, iżda ċertament tikkonċerna lill-Ewropa kollha.

## L-ENIGMA TAR-REALTÀ

L-aspett lakoniku tal-parti l-kbira tad-djalogi, dovut notevolment għad-diversità ta' lingwi użati mill-protagonisti, jenfasizza wkoll is-solitudni tal-migranti f'soċjetà li għalihom tibqa' barranija u li huma jafu biss il-marġnijiet tagħha. Dan il-fatt huwa pjuttost ovvju, iżda ċ-ċinematografu jenfasizza wkoll in-nuqqas ta' għażla u l-ftit marġni ta' manuvrar li għandhom il-migranti. Meta jaslu l-Libja, il-membri tal-grupp ta' Ayiva u Abas jintalbu, pereżempju, li jidderieġu huma stess id-dgħajsa li fiha jkunu se jaqsmu l-baħar Mediterran: id-diskursata impossibbli mat-traffikant iġġiegħel lill-migranti jagħmlu għażla: wieħed minnhom fl-aħħar nett jiddeċiedi li jmexxi d-dgħajsa waqt li l-migranti l-oħra jkunu kostretti jaċċettaw din is-soluzzjoni għax m'għandhomx għażla oħra. Meta jasal l-Italja, Ayiva jsib ruħu f'sitwazzjoni verament diffiċli meta jsir jaf li jkollu 3 xhur biex isib xogħol u jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu: is-sens ta' miżura bħal din jidher assurd u ma jistax jiġi diskuss, waqt li ma jħalli ebda għażla f'idejn il-persunaġġ.

L-għan ewlieni tal-film *Mediterranea* mhux daqstant li jiddeskrivi l-kundizzjonijiet tal-eżistenza tal-migranti iżda li aħna naqsmu l-perspettiva tagħhom, strettament limitata, u fuq kollox il-limitazzjonijiet li huma sottomessi għalihom, limitazzjonijiet imposti bħala ħtieġa u li ma jħallu l-ebda għażla oħra għajr ir-ribelljoni. Dan ix-xogħol fuq il-perspettiva jispjega bla dubju ċerti għażliet ta' kif inġibed il-film, viżibbli ħafna, bħall-użu tal-kamera fuq l-ispalla, sikwit tiċċaqlaq u qrib ħafna tal-personaġġi, li tagħti immaġni konfuża tal-avvenimenti, jew inkella l-użu ta' atturi mhux professjonali fi rwoli li ċertament huma qrib ħafna ta' dawk li għexu huma stess, kif ukoll il-multiplikazzjoni ta' xeni ta' bil-lejl bħallikieku l-migranti għandhom biss eżistenza notturna...

## ESTETIKA TAL-MEMORJA?

L-estetika tal-film, li mhix strettament realistika u lanqas dokumentarja, tista' tiġi interpretata b'mod aktar preċiż bħala riflessjoni tax-xogħol tal-memorja tal-protagonisti ewlenin (interpretati minn atturi li bla dubju qasmu maċ-ċinematografu l-esperjenzi tal-passat tagħhom stess). Minkejja li l-film iseħħ „fil-preżent" mingħajr ebda flashbacks, wieħed jista' madankollu josserva sensiela ta' karatteristiċi ċinematografiċi li joqorbu lejn forma ta' tifkira.

B'dan il-mod, diversi sekwenzi, aktar milli miġbuda b'mod „oġġettiv", huma ffokati fuq element ewlieni, dettall sinifikattiv biżżejjed biex iħalli marka fuq il-memorja tal-personaġġi (Ayiva jew Abas, mhux importanti liema wieħed minnhom).

Is-soundtrack jenfasizza din l-impressjoni permezz ta' varjazzjonijiet qawwija, fejn il-ħsejjes tal-isfond jonqsu f'salt biex minflokhom jirrenja s-skiet jew inkella mużika ta' akkumpanjament li tagħti sens ta' distanza — bħal f'tifkira — mix-xena rappreżentata. Wieħed jinnota wkoll li, minkejja li l-film hu maqsum f'kapitoli ġeografiċi kbar — l-Alġerija, il-Libja, l-Italja —, il-kronoloġija hija ħafna aktar fluida u approssimattiva: iż-żmien li Ayiva jqatta' fil-Kalabrija (fejn nassumu li tgħallem it-Taljan) kien ftit jiem, ftit ġimgħat jew ftit xhur? Mhux se nkunu nafu għax il-memorja, li tiddistingwi faċilment il-postijiet, tiddetermina b'ħafna inqas ċarezza l-mogħdija taż-żmien, speċjalment meta dan hu kkaratterizzat minn attività repetittiva bħall-qtugħ tal-lumi.

Il-mod ta' kif iċ-ċinematografu Jonas Carpignano donnu ġabar ir-rakkonti tal-migranti li ltaqa' magħhom fil-Kalabrija jispjega ċertament din ir-rappreżentazzjoni frammentata u sinkopata, li tirrifletti ftit jew wisq ix-xogħol tal-memorja individwali. Iżda għad li mhux bilfors l-ispettaturi kollha jqisu bl-istess mod din l-għażla ta' rappreżentazzjoni, ċertament huma se jħossu l-involviment taċ-ċinematografu marbut mar-rendikont tal-perspettiva tal-migranti ta' Rosarno jew ta' postijiet oħra, ikkundannati li jgħixu fl-agħar imkejjen tad-dinja tagħna.







## PUNTI GĦAR-RIFLESSJONI

Kif nistgħu ninterpretaw id-differenza fil-karattru u fl-imġiba bejn Ayiva u Abas? Huwa importanti dan biex nifhmu partikolarment it-tmiem tal-film? X'ġudizzju nistgħu ngħaddu fuq min iħaddem il-migranti? Sfruttatur bla skrupli? raġel sew? ħanżir? mgħallem paternalist? Hemm xi differenzi fl-attitudni fost in-nies ta' Rosarno? Hemm xi karatteristiċi ċinematografiċi li laqtuk? Pereżempju, id-diversi xeni ta' bil-lejl, il-kamera fuq l-ispalla, l-aspett konfuż u frammentat ta' ċerti sekwenzi, il-varjazzjonijiet fis-soundtrack, id-detalji sekondarji maqbuda mill-kamera...

Michel Condé

les grignoux



**DIRETTUR**: Jonas Carpignano
**XENEĠĠJATURA**: Jonas Carpignano
**ATTURI**: Koudous Seihon, Alassane Sy
**DIRETTUR TAL-FOTOGRAFIJA**: Wyatt Garfield
**MUŻIKA**: Benh Zeitlin, Dan Romer
**PRODUCERS**: Jason Michael Berman, Chris Columbus, Jon Coplon, Christoph Daniel, Andrew Kortschak, John Lesher, Ryan Lough, Justin Nappi, Alain Peyrollaz, Gwyn Sannia, Marc Schmidheiny, Victor Shapiro, Raphael Swann, Ryan Zacarias
**PRODUZZJONI**: Good Films, DCM Productions, Good Lap Production, End Cue, Court 13 Pictures, Le Grisbi Productions, Nomadic Independence Pictures, Treehouse Pictures
**SENA**: 2015
**TUL**: 107 minuti
**ĠENERU**: Drama
**PAJJIŻ**: Italja, Franza, Stati Uniti, Ġermanja, Qatar
**VERŻJONI ORIĠINALI**: Franċiż, Taljan, Ingliż, Għarbi, Bissa



## L-ISTEJJER TAGĦNA MDAWLA PERMEZZ TAL-EMOZZJONI TAĊ-ĊINEMA

Il-Parlament Ewropew għandu l-unur jippreżenta t-tliet films li qegħdin jikkompetu għal-LUX FILM PRIZE[1] 2015:

**MEDITERRANEA** ta' Jonas Carpignano
Italja, Franza, Stati Uniti, Ġermanja, Qatar

**MUSTANG** ta' Deniz Gamze Ergüven
Franza, Ġermanja, Turkija, Qatar

**UROK** *(THE LESSON)* ta' Kristina Grozeva u Peter Valchanov
Bulgarija, Greċja

Dawn l-istejjer multidimensjonali, il-frott tad-dedikazzjoni u l-kreattività kbira ta' reġisti żgħażagħ Ewropej b'ħafna talent, se jintwerew waqt ir-raba' edizzjoni tal-LUX FILM DAYS[2].

[1] Il-premju LUX.
[2] Jiem tal-films LUX.

## LUX FILM PRIZE

Il-kultura tiżvolġi rwol fundamentali fit-tiswir tas-soċjetajiet tagħna. B'dan il-ħsieb, il-Parlament Ewropew nieda l-LUX FILM PRIZE fl-2007 bl-għan li jtejjeb iċ-ċirkolazzjoni tal-films Ewropej madwar l-Ewropa u jqajjem dibattiti u diskussjonijiet fl-Ewropa kollha dwar kwistjonijiet ewlenin tas-soċjetà. Il-LUX Film Prize hu inizjattiva unika. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-koproduzzjonijiet Ewropej jintwerew biss fil-pajjiż tal-oriġini u rarament jiġu distribwiti bnadi oħra, anke fi ħdan l-UE, il-LUX FILM PRIZE joffri opportunità rari lil tliet films Ewropej li jiġu sottotitolati fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE.

Ir-rebbieħ tal-LUX FILM PRIZE se jintgħażel mill-Membri tal-Parlament Ewropew u jitħabbar fil-25 ta' Novembru 2015.

## LUX FILM DAYS

Il-LUX FILM PRIZE wassal ukoll għat-tnedija tal-LUX FILM DAYS. Il-LUX FILM DAYS ilhom mill-2012 iwasslu t-tliet films li qed jikkompetu għall-LUX FILM PRIZE lil udjenza Ewropea usa'. Permezz tal-LUX FILM DAYS, nistednuk tgawdi esperjenza kulturali memorabbli li tittraxxendi l-fruntieri. Bejn Ottubru u Diċembru 2015, tista' tingħaqad ma' udjenza mill-UE kollha ta' dilettanti taċ-ċinema u tara *Mediterranea*, *Mustang* u *Urok (The Lesson)* f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Tinsiex tivvota għall-film favorit tiegħek permezz tas-sit web tagħna *luxprize.eu* jew il-paġna Facebook tagħna!

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-UDJENZA

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Udjenza hija l-premju tal-għażla tal-poplu tal-LUX FILM PRIZE. Ħu l-opportunità li tivvota għal *Mediterranea*, *Mustang* jew *Urok (The Lesson)*, u tieħu sehem f'kompetizzjoni biex tattendi l-Festival taċ-Ċinema Internazzjonali Karlovy Vary f'Lulju 2016 — bl-istedina tal-Parlament Ewropew — u tħabbar ir-Rakkomandazzjoni tal-Udjenza.

# ARA, IDDIBATTI U VVOTA

@luxprize

#luxprize

**LUX PRIZE .EU**

QA-04-15-549-MT-N